**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 7 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 1131/15 JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C.3177)**

***kontra***

**[1] Ta` Gokba Supplies Limited (C-12582) bhala debitrici principali**

**u**

**[2] Jameno Limited [C-4753]**

**u**

**[3] Joseph u Antonia konjugi Azzopardi [ID 21443 u 301747 M rispettivament] bhala garanti solidali**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta` Dicembru 2015 **bil-procediment sommarju specjali** l li jaqra hekk–

1. Illi s-socjeta` intimata Ta` Gokba Supplies Limited hija debitrici tal-Bank attur fis-segwenti ammonti:

- Is-somma ta` hamsa u hamsin elf tliet mija u hames Euro u sittin centezmu (€**55,305.60**) rapprezentanti **[a]** in kwantu ghal sebgha u tletin elf, disa` mija u hamsa u hamsin Euro u tnejn u disghin centezmu [€ 37,955.92] f`bilanc ta` kapital dovut ghal facilita` bankarja (*overdraft*) koncessa b`kuntratt tat-8 ta` Lulju, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel **(Dok HSBC 1)** [kont numru 050-025980-200, gja 050-025980-001] u **[b]** in kwantu ghas-somma ta` sbatax-il elf tlett mija u disgha u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmu [€ 17,349.68] f`interessi illi lahqu ddekorrew fuq l-imsemmi kont sal-25 ta` Novembru, 2015, b`rizerva ghal imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

- Is-somma ta` tlett mija u wiehed u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€ **321.53**) rapprezentanti **[a]** in kwantu ghal mitejn u sebghin Euro u erba` centezmi [€ 270.04] f`bilanc ta` kapital dovut ghal facilita` bankarja (*overdraft*) koncessa lilha u accettata minnha [kont numru 050-025980-340, gja 050-025980-001] u **[b]** in kwantu ghas-somma ta` wiehed u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu [€ 51.49] f`interessi illi lahqu ddekorrew fuq l-imsemmi kont sal-25 ta` Novembru, 2015, b`rizerva ghal imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

2. Illi l-bilanci dovuti msemmija jirrizultaw mill-i*statement of account* tal-25 ta` Novembru, 2015 hawn anness bhala **Dok HSBC 2;**

3. Illi s-socjeta` intimata Ta` Gokba Supplies Limited hija ghalhekk debitrici tal-Bank rikorrenti HSBC Bank Malta plc fis-somma totali ta` hamsa u hamsin elf sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€ 55,627.13)

4. Illi s-socjeta` intimata Jameno Limited ikkostitwiet ruha bhala garanti solidali mal-imsemmija socjeta` debitrici principali favur il-Bank rikorrenti, kif jidher mill-istess kuntratt Dok HSBC 1 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel hawn fuq imsemmi;

5. Illi min-naha taghhom, Joseph u Antonia konjugi Azzopardi ikkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta` debitrici bis-sahha ta` *guarantee forms* tas-7 ta` Dicembru, 1994 (**Dok HSBC 3**) u tal-20 ta` Dicembru 1995 (**Dok HSBC 4**) sas-somma rispettiva ta` ghaxart elef lira Maltija (Lm 10,000, illum ekwivalenti ghal Eur 23,293.73) u tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm 48,000, illum ekwivalenti ghal Eur 111,809.92)

6. Illi s-socjeta` intimata Ta` Gokba Supplies Limited u l-intimati l-ohra bhala garanti solidali, ghalkemm interpellati ghal hlas permezz ta` ittri ufficjali tas-16 ta` April 2015 (**Dok. HSBC 5, 6 u 7**), baqghu inadempjenti;

7. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta` Procedura u Organizzazzoni Civili [Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta] stante illi il-kreditu mitlub huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorità attrici l-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu kontra l-hlas tal-imsemmi ammont

**GHALDAQSTANT**, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

[i] Tisma` u tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta];

[ii ] Tiddikjara illi l-intimata Ta` Gokba Supplies Limited, bhala debitrici principali, u l-intimati l-ohra s-socjeta Jameno Limited u Joseph u Antonia konjugi Azzopardi, bhala garanti solidali, huma debituri solidalment bejniethom fil-konfront tal-bank attur fis-somma globali ta` hamsa u hamsin elf sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€ 55,627.13) dovuta kif spjegata hawn fuq;

[iii] Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu l-imsemmija somma globali ta` hamsa u hamsin elf sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€ 55,627.13) bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mill-26 ta` Novembru 2015 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-16 ta` April 2015 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u d-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Dicembru 2015 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti ssejhu diversi drabi biex jidhru ghall-udjenza tal-lum, ma dehrux.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi:**

**1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara illi l-intimata Ta` Gokba Supplies Limited, bhala debitrici principali, u l-intimati l-ohra s-socjeta Jameno Limited u Joseph u Antonia konjugi Azzopardi, bhala garanti solidali, huma debituri solidalment bejniethom fil-konfront tal-bank attur fis-somma globali ta` hamsa u hamsin elf sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€ 55,627.13) dovuta kif spjegata hawn fuq;**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu l-imsemmija somma globali ta` hamsa u hamsin elf sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€ 55,627.13) bl-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mill-26 ta` Novembru 2015 sal-pagament effettiv.**

**3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-16 ta` April 2015.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**